# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2665

Każ Nru 3603/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Stephen Spiteri (ID 75186(M))

u

Malta Freeport Terminals Limited

Illum : 9 ta' Lulju, 2020

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors mill-Avv. Charlon Gouder f'isem Stephen Spiteri fejn ġie allegat li dana kien ġie illegalment liċenzjat minn mas-Soċjetà Malta Freeport Terminals Limited fil-25 ta' Awwissu, 2016. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Joanna Calleja, *Human Resources Officer*, assistita mill-Avv Joe Zammit Maempel ċaħdet dan. Inżammu tnax-il seduta. A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrent jgħid illi l-impjieg tiegħu minn mas-Soċjetà Intimata ġie terminat fil-25 ta' Awwissu, 2016 wara li kien deher quddiem bord dixxiplinarju u sussegwentement bord t'appell. Dana allegatament dwar inċident li kien seħħ fil-5 ta' Frar 2016 u *track record* anormali. Jgħid ukoll ir-Rikorrent illi kien ilu jiġi vittimizzat fuq il-post tax-xogħol biex idejquh. Is-Soċjetà Intimata mill-banda l-oħra tgħid illi waqt li kien qed iniżżel *container* bi traskuraġni laqat *container* ieħor u ġarrablu ħsara konsiderevoli. Oltre dan ir-Rikorrent kien ġie mogħti twissija finali xi għaxar xhur qabel fejn kien imwissi li l-impjieg tiegħu ikun terminat immedjatament jekk ikollu każ dixxilinarju ieħor fi żmien sena.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal ried jeżamina bir-reqqa r-raġuni għal-liċenżjament tar-Rikorrent u jekk din kienet tali li timmerita s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija. It-Tribunal waqt li ikkonċentra fuq il-kawża ewlenija li wasslet għal-liċenzjament tiegħu ma satax jinjora l-fatt li r-Rikorrent kien addebitat preċedentement b'numru ta' każi dixxiplinarji. Jirriżulta bla dubju ta' xejn illi r-Rikorrent kien ħati tal-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu. Il-ħsara li saret fil-*container* kienet ikkawżata mir-Rikorrent. Bħala riżultat tal-inċident jidher manifestament illi s-Soċjetà Intimata segwiet korrettement il-proċedura dixxiplinarja inkluż dik ta' l-appell qabel ma temmet l-impjieg tar-Rikorrent, anke jekk dan ma qabel xejn mal-mod kif imxiet. Iżda t-Tribunal ried jara jekk l-inċident kienx gravi biżżejjed biex ir-Rikorrent jingħata s-sanzjoni massima ta' tkeċċija. It-Tribunal ġie preżentat b'dokumenti li juru li r-Rikorrent kellu attività lavorattiva pjuttost imżewwqa b'sensiela twila ġmiela ta' nuqqasijiet. Barra mit-tort li kellu r-Rikorrent fl-inċident li pprovoka it-tkeċċija u l-ħsara li konsegwentement saret għad-dannu tas-Soċjetà Intimata t-Tribunal fela' bir-reqqa in-nuqqasijiet li akkumula r-Rikorrent matul il-ħajja lavorattiva tiegħu. In-numru ta' nuqqasijiet li r-Rikorrent akkumula jidher li ikkontribwixxa mhux ftit għad-deċiżjoni li jiġi terminat l-impjieg tiegħu. Oltre dan it-Tribunal innota t-twissija li ġie mogħti fis-17 ta' Marzu 2015 li testwalment tgħid "Jekk ikollok każ ieħor dixxiplinarju li jinvolvi inċident jew nuqqas ta' attendenza fi żmien sena mid-data ta' din id-deċiżjoni, jittieħdu proċeduri dixxiplinarji skont il-Ftehim Kollettivu, jekk tinstab ħati, l-impjieg tiegħek jiġi terminat immedjatament" (Dok A52). Din it-twissija kienet għadha *in vigore* meta fi Frar 2016 seħħ l-inċident tal-*container*. Ma' tul is-smiegħ tal-każ ir-Rikorrent ġie impinġi bħala xi vittma li kien persistement destinat li jiġi mkeċċi. Il-fatti juru mod ieħor. Is-sensiela twila ta' nuqqasijiet tar-Rikorrent juru li mhux biss ma kienx vittma iżda kien hu li kien abitwalment jikser ir-regoli u jakkumula għadd sostanzjali ta' twissijiet. Waqt is-smiegħ tal-każ diversi xhieda stqarrew li matul is-sena kienu jiġru ħafna inċidenti simili għal dak li ġie mixli bih ir-Rikorrent. Dana biex b'xi mod il-ħtija tar-Rikorrent tkun minimizzata. Għad li t-Tribunal għandu riservi fuq il-kredibilità ta' min ta din l-evidenza dan bl-ebda mod ma jimpinġi fuq il-ħtija tar-Rikorrent. Irrispettivament kemm iseħħu inċidenti simili matul is-sena dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbiltà tar-Rikorrent.

## 4. Deċiżjoni

Wara li sama' x-xhieda, fela d-dokumenti preżentati u nnota t-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet it-Tribunal jiddeċidi li r-Rikorrent Stephen Spiteri ġie liċenzjat minn mas-Soċjetà Intimata Malta Freeport Terminals għal raġuni xierqa u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

Ai termini ta' l-Avviż Legali 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffiirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja